*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Klee u D. Hanf, aġenti)

**Suġġett**

Permezz ta’ rikors ibbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrent jitlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tas-7 ta’ Ġunju 2021 (Każ R 199/2021-5).

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Lotion LLC hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

(1) ĠU C 391, 27.9.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta’ Settembru 2022 – Blueroots Technology vs EUIPO – Rezk-Salama u Breitlauch (SKILLTREE STUDIOS)**

**(Kawża T-607/21)** (1)

***(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità – Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali SKILLTREE STUDIOS – Raġunijiet assoluti għal rifjut – Assenza ta’ karattru deskrittiv – Karattru distintiv – Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (UE) 2017/1001)”)***

(2022/C 432/31)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Blueroots Technology GmbH (Graz, l-Awstrija) (rappreżentanti: A. Huber-Erlenwein, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Eberl u D. Hanf, aġenti)

*Partijiet oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Christof Rezk-Salama (Trier, il-Ġermanja), Linda Breitlauch (Trier) (rappreżentanti: F. Weber, avukat)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors ibbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament u l-bidla tad-deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-28 ta’ Lulju 2021 (Każ R 2218/2020-4).

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Blueroots Technology GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

(1) ĠU C 462, 15.11.2021.